Draft

**A.L. tal-2020**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Iskart, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 549. 63.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu l-ħarsien tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem bil-prevenzjoni jew bir-

riduzzjoni tal-impatti negattivi tal-iġġenerar u l-immaniġġar ta' skart u bir-riduzzjoni tal-impatti kollha tal-użu ta' riżorsi u t-titjib tal-effiċenza ta' dak l-użu, li huma kruċjali għat-transizzjoni għal ekonomija ċirkolari u biex tiġi garantita l-kompetittività tal-Unjoni Ewropea fuq bażi dejjiema.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kelma "u" għandha tiġi mħassra;

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "u li tħassar ċerti Direttivi." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u li tħassar ċerti Direttivi;"; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(d) id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/997 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jemenda l-Anness III għad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-karatteristika perikoluża HP 14 "Ekotossiku"; u

(e) id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej

(i) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kliem "u Rdim)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u Rdim);";

(ii) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) sustanzi li huma destinati għall-użu bħala materjal ta' għalf kif iddefinit fil-punt (g) tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li ma jkunux jikkonsistu minn prodotti sekondarji tal-

Draft

annimali jew ikun fihom dawn il-prodotti*."; u

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "li jergħu jitpoġġew taħt wiċċ l-ilma" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li jerġgħu jitpoġġew fl-ilma tal-wiċċ"; u l-kliem "jew riklamazzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew ta' riklamazzjoni".

**4.** Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minnufih qabel it-tifsira "l-aħjar teknika disponibbli", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

L.S. 595. 28. " "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għall-Irkupru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ stabbilita bl-Ordni li Jwaqqaf Aġenzija għall-Irkupru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ;";

(b) it-tifsira "l-aħjar teknika disponibbli" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

L.S. 595. 76. " "l-aħjar teknika disponibbli" tfisser l-aħjar teknika disponibbli kif imfissra fir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali;";

(ċ) it-tifsira "avviż ta' infurzar" għandha tiġi mħassra;

(d) it-tifsira "bijo-skart" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "bijoskart" tfisser skart bijodegradabbli mill-ġonna u mill-*parks*, skart tal-ikel u tal-kċina mill-unitajiet domestiċi, mill-uffiċċji, mir-restoranti, mill-kummerċ bl-ingrossa, mill-kantins, mill-fornituri tal-ikel u mill-ħwienet bl-imnut, u skart paragunabbli minn impjanti ta' pproċessar tal-ikel;";

(e) it-tifsira "ftehim" għandha tiġi mħassra;

(f) it-tifsira "immaniġġjar tal-iskart" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "immaniġġjar tal-iskart" tfisser il-ġbir, it-trasport, l-irkupru (inkluża s-separazzjoni) u r-rimi ta' skart, inklużi

* ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1

Draft

s-superviżjoni ta’ tali operazzjonijiet u l-kura ta’ wara tas-siti tar-rimi, u inklużi l-azzjonijiet li jittieħdu bħala negozjant jew sensar;";

(g) minnufih wara t-tifsira "immaniġġjar tal-iskart" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "irdim" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta’ rkupru fejn l-iskart mhux perikoluż xieraq jintuża għal skopijiet ta’ reklamazzjoni f’żoni skavati jew għal skopijiet ta’ inġinerija fil-pjanifikazzjoni tal-art. L-iskart użat għall-irdim għandu jissostitwixxi materjali mhux skart, ikun xieraq għall-iskopijiet imsemmija hawn qabel u jkun limitat għall-ammont meħtieġ strettament sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet;";

(h) minnufih wara t-tifsira "irkupru" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "irkupru ta’ materjal" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta’ rkupru, ħlief l-irkupru tal-enerġija u l-ipproċessar mill-ġdid f’materjali li jkunu se jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija. Dan jinkludi, *inter alia*, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irdim;";

(i) minnufih wara t-tifsira "kunsinnatarju" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kunsill lokali" tfisser kunsill lokali stabbilit taħt
Kap. 363. l-Att dwar Gvern Lokali;";

(j) minnufih wara t-tifsira "kunsill lokali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kunsill reġjonali" tfisser kunsill reġjonali
Kap. 363. stabbilit taħt l-Att dwar Gvern Lokali;";

(k) it-tifsira "il-Komunità" għandha tiġi mħassra;

(l) minnufih wara t-tifsira "obbligi ta’ kura ta’ wara" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Ordni " tfisser ordni għal waqfien jew ordni ta’ konformità maħruġa taħt l-Att;";

(m) il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "prevenzjoni" għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

Draft

"(ċ) il-kontenut ta' sustanzi perikolużi f'materjali u prodotti;";

(n) it-tifsira "skart domestiku" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "skart domestiku" tfisser skart iġġenerat minn unitajiet domestiċi;";

(o) it-tifsira "skart inerti" għandha tiġi mħassra;

(p) it-tifsira "skart solidu muniċipali" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "skart muniċipali" tfisser:

(a) skart imħallat u skart miġbur b'mod separat mill-unitajiet domestiċi, inklużi karta u kartun, ħġieġ, metalli, plastik, bijoskart, injam, tessuti, imballaġġ, skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u skart goff, inklużi saqqijiet u għamara;

(b) skart imħallat u skart miġbur b'mod separat minn sorsi oħra, meta tali skart ikollu natura u kompożizzjoni simili għall-iskart mill-unitajiet domestiċi;

L-iskart muniċipali ma jinkludix l-iskart mill-produzzjoni, l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, it-tankijiet settiċi u n-netwerk u t-trattament tad-drenaġġ, inklużi l-ħama tad-drenaġġ, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw jew l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni.

Din it-tifsira hija mingħajr preġudizzju għall-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-immaniġġjar tal-iskart bejn l-atturi pubbliċi u dawk privati;";

(q) minnufih wara t-tisfira "skart muniċipali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "skart tal-ikel" tfisser l-ikel kollu kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jkun sar skart*;";

(r) minnufih wara t-tifsira "skart tal-ikel" għandha

* ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1

Draft

tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni" tfisser l-iskart iġġenerat mill-attivitajiet tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni;"; u

(s) minnufih wara t-tifsira "skart kummerċjali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "skart mhux perikoluż" tfisser skart li mhuwiex kopert mit-tifsira "skart perikoluż".

Izid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

**5.** Minnufih wara r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Ġerarkija tal-iskart.

4A. (1) Fil-leġiżlazzjoni u l-politika kollha dwar l-immaniġġar tal-Iskart għandha tapplika l-ġerarkija bħala prijorità fl-ordni li ġej:

(a) prevenzjoni;

(b) preparazzjoni għal użu mill-ġdid;

(ċ) riċiklaġġ;

(d) irkupru ieħor, eż. irkupru ta' enerġija; u

(e) rimi.

(2) Fl-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart imsemmija fis-subregolament (1), il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu miżuri biex jinkoraġġixxi l-għażliet li jagħtu l-aqwa riżultat ambjentali ġenerali. Dan jista' jeħtieġ li xi tipi speċifiċi ta' skart ma jsegwux il-ġerarkija fejn dan ikun ġustifikat mill-kunsiderazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja fuq l-impatti ġenerali tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġar ta' tali skart.

Il-Ministru għandu jiżgura li l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni u tal-politika tal-iskart ikun proċess trasparenti għalkollox, li jkun jirrispetta r-regoli nazzjonali eżistenti li jikkonċernaw il-konsultazzjoni u s-sehem taċ-ċittadini u tal-partijiet interessati.

Draft

Il-Ministru għandu jqis il-prinċipji ġenerali, fir-rigward ta' protezzjoni ambjentali, ta' prekawzjoni u sostenibbiltà, fattibbiltà teknika u vijabbiltà ekonomika, protezzjoni tar-riżorsi kif ukoll iqis l-impatti fuq l-ambjent, fuq is-saħħa tal-bniedem, u l-impatti ekonomiċi u soċjali ġenerali, skond ir-regolament 2 u l-paragrafu 3 tat-Taqsima 1 tal-Iskeda 5.

(3) Il-Ministru għandu juża strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart bħal dawk imsemmija fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851 jew strumenti u miżuri oħra xierqa.

Prinċipji ta' awto-suffiċjenza u viċinanza.

4B. (1) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi netwerk integrat u adegwat ta' impjanti għar-rimi tal-iskart u ta' impjanti għall-irkupru ta' skart muniċipali mħallat miġbur minn djar privati, inkluż fejn tali ġbir ikopri wkoll tali skart minn produtturi oħra, waqt li jqis l-aħjar teknika disponibbli.

(2) In-netwerk għandu jkun imfassal b'mod li jippermetti li l-Unjoni Ewropea, bħala entità waħda, tkun awtosuffiċjenti fir-rimi tal-iskart kif ukoll fl-irkupru ta' skart muniċipali mħallat miġbur minn djar privati u li jippermetti li Malta tersaq lejn dak il-għan fuq bażi individwali, waqt li tingħata kunsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi ġeografiċi jew tal-ħtieġa ta' impjanti speċjalizzati għal ċertu tip ta' skart.

(3) In-netwerk għandu jippermetti li l-iskart jintrema jew li l-iskart imsemmi fis-subregolament (1) jiġi rkuprat f'wieħed mill-eqreb impjanti approprjati, permezz tal-aktar metodi u teknoloġiji approprjati, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika.

(4) Il-prinċipji tal-viċinanza u tal-awto-suffiċjenza ma jfissrux li Malta għandu jkollha l-firxa kollha ta' faċilitajiet ta' rkupru f'Malta.".

**6.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

"5. (1) L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-assistenza teknika neċessarja biex tiżgura li sustanza jew oġġett,

Draft

li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni, li l-għan primarju tagħhom mhuwiex il-produzzjoni ta' dak l-artikolu, jista' jitqies li mhuwiex skart, iżda bħala prodott sekondarju biss jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-użu ulterjuri tas-sustanza jew l-oġġett ikun ċert;

(b) is-sustanza jew l-oġġett jistgħu jiġu wżati direttament mingħajr kwalunkwe proċessar ulterjuri ħlief prattika industrijali normali;

(ċ) is-sustanza jew l-oġġett huma prodotti bħala parti integrali ta' proċess ta' produzzjoni; u

(d) l-użu ulterjuri jkun skond il-liġi, i.e. is-sustanza jew l-oġġett jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti kollha tal-prodott, dawk ambjentali u ta' protezzjoni tas-saħħa għall-użu speċifiku u mhuwiex ser jirriżulta f'impatti ġenerali li jikkawżaw ħsara lill-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem.

(2) Fejn il-kriterji ma ġewx stabbiliti fil-livell tal-Unjoni Ewropea, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi kriterji dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolament (1) għal sustanzi jew oġġetti speiċifiċi u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar dawn il-krirtji speċifiċi konformement mad-Direttiva (UE) 2015/1535*.".

Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

**7.** Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"6. (1) L-iskart li jkun għadda minn riċiklaġġ jew operazzjoni ta' rkupru oħra jitqies li m'għadux skart jekk jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sustanza jew l-oġġett ikunu ser jintużaw għal skopijiet speċifiċi;

(b) ikun jeżisti suq jew tkun teżisti domanda għal dik is-sustanza jew oġġett;

(ċ) is-sustanza jew l-oġġett jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi għall-iskopijiet speċifiċi u jissodisfa l-leġislazzjoni u l-i*standards* eżistenti applikabbli għall-prodotti; u

* ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1

Draft

(d) l-użu tas-sustanza jew l-oġġett ma jwasslux għal impatti ġenerali li jagħmlu ħsara lill-ambjent jew lis-saħħa tal-bniedem.

(2) Meta l-kriterji dwar tmiem tal-istadju ta' skart ma jkunux ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ li ċertu skart ma baqax skart abbażi tal-kundizzjonijiet stipulati fis-subregolament (1) u waqt li tingħata kunsiderazzjoni għall-valuri ta' limitu għas-sustanzi li jniġġsu, u kwalunkwe impatt negattiv fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem. L-awtorità kompetenti tista' tieħu f'kunsiderazzjoni r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) skart awtorizzat biex jintuża bħala *input* għall-operazzjoni ta' rkupru;

(b) tekniki u proċessi ta' trattament permessi;

(ċ) kriterji ta' kwalità għal materjali tat-tmiem tal-istadju tal-iskart li jirriżultaw mill-operazzjoni ta' rkupru skont l-i*standards* applikabbli tal-prodotti, inklużi l-valuri ta' limitu għas-sustanzi li jniġġsu fejn ikun meħtieġ;

(d) rekwiżiti għal sistema ta' mmaniġġjar biex tintwera l-konformità mal-kriterji tat-tmiem tal-istadju tal-iskart, inkluż għall-kontroll tal-kwalità, l-awtomonitoraġġ u l-akkreditazzjoni, fejn ikun xieraq; u

(e) rekwiżit ta' sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' konformità, li għandu jkun fiha l-iformazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Iskeda 10.

(3) Kull persuna fiżika jew legali li biħsiebha twettaq operazzjonijiet ta' riċiklaġġ jew ta' irkupru ieħor li bihom skart jitqies li m'għadux skart skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) għandha tikseb permess mill-awtorità kompetenti qabel ma tittrasferixxi il-materjal li jirriżulta:

Iżda aplikazzjoni għal permess sabiex jintlaħaq tmiem tal-istadju tal-iskart sottomess minn xi persuna lill-awtorità kompetenti għal deċiżjoni taħt is-subregolament (2) għandu jkun fiha għall-inqas l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Iskeda 10.

(4) Il-persuna fiżika jew legali li -

(a) tuża, għall-ewwel darba, materjal li ma jkunx

Draft

baqa' skart u li ma jkunx tqiegħed fis-suq; jew

(b) tqiegħed materjal fis-suq għall-ewwel darba wara li ma jibqax skart,

għandha tiżgura li l-materjal jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti skont il-leġislazzjoni relatata mas-sustanzi kimiċi u l-prodotti applikabbli. Il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolament (1) għandhom jiġu ssodisfati qabel ma l-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u l-prodotti tapplika għall-materjal li ma baqax skart.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**8.** Is-subregolament (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-awtorità kompetenti tista' tqis skart bħala skart perikoluż fejn, ukoll jekk ma jidhirx li jkun perikoluż fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE, ikollu waħda jew aktar mill-proprjetajiet elenkati fl-Iskeda 3*:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar każijiet bħal dawn mingħajr dewmien u għandha tagħtiha kull informazzjoni rilevanti.".

Iħassar r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

**9.** Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

**10.** Is-subregolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar, u s-subregolament (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament 9.

Jissostitwixxi r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**11.** Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Ġbir separat. L.S. 549. 43. A.L. XX tal-2020.

Kap. 363.

10. (1) Bla ħsara għar-Regolamenti dwar l-Ippjakkar u l-Iskart tal-Ippjakkar fil-Maniġġar tal-Iskart, ir-Regolamenti tal-2020 dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur u l-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsilli Lokali għandhom jistabbilixxu sistemi fil-lokalità tagħhom għall-ġbir separat (li jinkludi ġbir imħallat), u l-Kunsill Reġjonali għandhom jiżguraw li tali sistemi jiġu stabbiliti, għal mill-inqas dan li ġej:

(a) karta;

(b) metall;

---

* ĠU L 226, 6.9.2000, p.3

Draft

(ċ) plastik;

(d) ħġieġ; u

(e) bijoskart,

sabiex jippromwovu riċiklaġġ ta' kwalità għolja.

S.L. 549. 43. (2) Bla ħsara għar-Regolamenti dwar l-Ippjakkar u l-Iskart tal-Ippjakkar fil-Maniġġar tal-Iskart, il-Kunsilli Lokali għandhom jallokaw spazju għall-provdiment ta' siti domestiċi fejn jintefa' l-iskart għall-ġbir separat ta' karta. metall, plastik u ħġieġ għal kull tlett elef (3,000) abitant f'kull lokalità speċifika, u l-Kunsilli Reġjonali għandhom jiżguraw li tali spazju jiġi allokat:

Iżda Kunsilli Lokali b'inqas minn tlett elef (3,000) abitant għandhom jipprovdu għall-inqas sett wieħed ta' siti domestiċi fejn jintefa' l-iskart fil-lokalità rispettiva tagħhom:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' siti domestiċi fejn jintefa' l-iskart taħt dan is-subregolament ġbir separat m'għandux jinkludi ġbir imħallat.

(3) Kunsilli Lokali li jonqsu milli josservaw id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) jeħlu,
L.S. 549. 72. meta jistabu ħatja, penali skont ir-Regolamenti dwar Multi għal Kull Ġurnata rigward l-Ambjent.

(4) Mingħajr preġudizzju għar-regolament
L.S. 549. 45. 10B, kull trasportatur reġistrat skont ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Attivitajiet fil-Maniġġar ta' Skart biex iġorr l-iskart kif imfisser fil-regolament 4 li jiġbor separatament wieħed mill-flussi ta' skart identifikati fis-subregolament (1), għandu jżomm separati l-frazzjonijiet kollha miġbura.

(5) Sal-1 ta' Jannar 2025 għandhom jiġu stabbiliti sistemi għall-ġbir separat ta':

(a) frazzjonijiet ta' skart perikoluż prodott minn unitajiet domestiċi sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu trattati skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4A u l-paragrafu 3 tat-Taqsima 1 tal-Iskeda 5 u ma jikkontaminawx flussi oħra ta' skart muniċipali; u

(b) tessuti.".

**12.** Minnufih wara r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali — Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

Draft

għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Prevenzjoni. 10A. (1) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu miżuri biex jipprevjeni l-ġenerazzjoni tal-iskart. Dawk il-miżuri għandhom tal-inqas:

(a) jippromwovu u jappoġġjaw mudelli ta' produzzjoni u konsum sostenibbli;

(b) iħeġġu d-disinn, il-manifattura u l-użu ta' prodotti li huma effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, durabbli (inkluż f'termini ta' ħajja tal-prodott u n-nuqqas ta' obsolenza ppjanata), riparabbli, rijutilizzabbli u aġġornabbli;

(ċ) jimmiraw prodotti li fihom materja prima kritika, sabiex jevitaw li dik il-materja prima ssir skart;

(d) iħeġġu l-użu mill-ġdid ta' prodotti u l-ħolqien ta' sistemi li jippromwovu attivitajiet ta' tiswija u ta' użu mill-ġdid, inkluż, b'mod partikolari, għat-tagħmir elettriku u elettroniku, għat-tessuti u għall-għamara kif ukoll għall-imballaġġ u l-materjal u l-prodotti tal-kostruzzjoni;

(e) jinkoraġġixxu, kif xieraq u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, id-disponibbiltà ta' *spare parts*, ta' manwali ta' istruzzjoni, ta' informazzjoni teknika, jew strumenti, tagħmir jew softwer ieħor li jippermettu t-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' prodotti mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità u s-sigurtà tagħhom;

(f) inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart fi proċessi marbutin mal-produzzjoni industrijali, fl-estrazzjoni tal-minerali, fil-manifattura, fil-kostruzzjoni u d-demolizzjoni, filwaqt li jqisu l-aħjar tekniki disponibbli;

Draft

(g) inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifatturar, fil-bejgħ bl-imnut u f'mezzi oħra ta' distribuzzjoni tal-ikel, f'ristoranti u servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi bħala kontribut għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti biex titnaqqas b'50%, il-ħela tal-ikel globali *per capita* fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur u sabiex jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista sal-2030;

(h) jinkoraġġixxu d-donazzjoni tal-ikel u ridistribuzzjoni oħra għall-konsum mill-bniedem, billi tingħata prijorità lill-użu mill-bniedem fuq l-għalf tal-annimali u l-ipproċessar mill-ġdid fi prodotti mhux alimentari;

(i) jippromwovu t-tnaqqis tal-kontenut ta' sustanzi perikolużi f'materjal u prodotti, mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti legali armonizzati li jikkonċernaw dawk il-materjali u prodotti stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' oġġett kif definit fil-punt 33 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mill-5 ta' Jannar 2021;

(j) inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart, b'mod partikolari skart li ma huwiex adatt għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ;

(k) jidentifikaw prodotti li jikkostitwixxu s-sorsi ewlenin ta' skart, partikolarment fl-ambjenti naturali u marini, u jieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart minn tali prodotti:

Iżda jekk il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, jiddeċiedi li jimplimenta dan l-obbligu permezz ta' restrizzjonijiet tas-suq, hu għandu jiżgura li dawn ir-restrizzjonijiet ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji;

(l) għandhom l-għan li jwaqqfu l-ġenerazzjoni tal-iskart fil-baħar bħala kontribuzzjoni lejn l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiġi evitat u jitnaqqas b'mod sinifikanti t-tniġġis tal-baħar ta' kull tip; u;

(m) jiżviluppaw u jappoġġjaw kampanji ta' informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart u r-rimi taż-żibel.

* ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1

(2) L-awtorità kompetenti u l-aġenzjia għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali dwar użu mill-ġdid bil-kejl tal-użu mill-ġdid fuq il-bażi tal-metodoloġija komuni stabbilita fl-artikolu 9(7) tad-Direttiva 2008/98/EC, sa mill-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni ta dak l-att ta' implimentazzjoni.

(3) L-awtorità kompetenti u l-aġenzjia għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' prevenzjoni tal-iskart tal-ikel billi jkejlu l-livelli tal-iskart tal-ikel abbażi tal-metodoloġija stabbilita bid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597 li tissupplimenta d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodoloġija komuni u rekwiżiti minimi tal-kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel.

Irkupru.

10B. (1) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-skart jgħaddi minn operazzjonijiet ta' preparazzjoni għal użu mill-ġdid, riċiklaġġ jew irkupru ieħor, skont ir-regolament 4A u l-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 3 tat-Taqsima 1 tal-Iskeda 5.

Draft

(2) Fejn ikun meħtieġ għall-konformità mas-subregolament (1), u sabiex ikunu faċilitati jew imtejbin il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u operazzjonijiet ta' rkupru oħrajn, l-iskart għandu jinġabar separatament u m'għandux jitħallat ma' skart ieħor jew materjal ieħor bi proprjetajiet differenti.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tippermetti derogi mis-subregolament (2) dment li għallinqas waħda mill-kondizzjonijiet li ġejja tiġi osservata:

(a) il-ġbir ta' ċerti tipi ta' skart flimkien ma jafftettwax il-potenzjal tagħhom li jgħaddu minn preparamenti għall-użu mill-ġdid, riċiklaġġ jew operazzjonijiet oħra ta' rkupru skont ir-regolament 4A u jirriżulta f'*output* minn dawk l-operazzjonijiet li jkun ta' kwalità komparabbli għal dak miksub permezz ta' ġbir separat;

(b) il-ġbir separat ma jagħtix l-aħjar riżultat ambjentali meta wieħed jikkunsidra l-impatt ambjentali globali tal-immaniġġjar tal-flussi tal-iskart rilevanti;

(ċ) il-ġbir separat ma jkunx teknikament fattibbli meta wieħed iqis il-prattiki tajbin tal-ġbir tal-iskart;

(d) il-ġbir separat ikun jinvolvi spejjeż ekonomiċi sproporzjonati, meta jitqiesu l-l-ispejjeż tal-impatti ambjentali u tas-saħħa negattivi tal-ġbir u t-trattament tal-iskart imħallat, il-potenzjal għal titjib fl-effiċjenza fil-ġbir u ttrattament tal-iskart, id-dħul minn bejgħ ta' materja prima sekondarja kif ukoll l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u tar-responsabbiltà estiża tal-produttur:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha teżamina mill-ġdid regolarment id-derogi skont dan il-paragrafu b'kunsiderazzjoni ta' prattiki tajbin fi ġbir separat tal-iskart u żviluppi oħra fl-immaniġġjar tal-iskart:

Iżda wkoll talba għal deroga taħt dan ir-regolament għandha ssir bil-miktub lill-awtorità kompetenti u l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi fuq il-bażi ta' każ b'każ.

(4) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu miżuri biex jiżguraw li l-iskart li jkun inġabar separatament għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ma jiġix inċinerat, bl-eċċezzjoni ta' skart li jirriżulta mit-trattament sussegwenti ta' skart li jinġabar separatament li l-inċinerazzjoni tiegħu tagħti l-aħjar eżitu ambjentali skont ir-regolament 4A.

(5) Meta jkun meħtieġ għall-konformità mas-subregolament (1), u sabiex ikun faċilitat jew imtejjeb l-irkupru, il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa, qabel jew matul l-irkupru, biex jitneħħew sustanzi, taħlitiet u komponenti perikolużi minn skart perikoluż bil-ħsieb li dawn jiġu trattati skont ir-regolament 4A u l-paragrafu 3 tat-Taqsima 1 tal-Iskeda 5.

Preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u miri tar-riċiklaġġ.

10Ċ. (1) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu miżuri, biex jippromwovi attivitajiet ta' tħejjija għal użu mill-ġdid, speċifikament billi jħeġġeġ it-twaqqif u jappoġġja netwerks ta' preparazzjoni għal użu mill-ġdid u tiswija, u billi jiffaċilita, fejn kompatibbli mal-immaniġġjar xieraq tal-iskart, l-aċċess tagħhom għal skart miżmum minn skemi jew faċilitajiet ta' ġbir li jista' jiġi ppreparat għal użu mill-ġdid iżda li mhux destinat għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid minn dawk l-iskemi jew faċilitajiet, kif ukoll billi jippromwovi l-użu ta' strumenti ekonomiċi, kriterji ta' akkwist pubbliku, miri kwantitattivi, jew miżuri oħra.

Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu miżuri biex jippromwovi riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u għal dan il-għan, skont ir-regolament 10B(2) u (3), għandu jistabbilixxuil-ġbir tal-iskart b'mod separat.

Draft

Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu miżuri biex jippromwovi d-demolizzjoni selettiva biex jippermetti t-tneħħija u t-trattament sikur ta' sustanzi perikolużi u jiffaċilita l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja permezz tat-tneħħija selettiva ta' materjali, u biex jiżgura t-twaqqif ta' sistemi ta' separazzjoni għall-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni tal-anqas għall-injam, il-frazzjonijiet minerali (konkrit, briks, madum u ċeramika, ġebel), il-metall, il-ħġieġ, il-plastik u l-ġibs.

(2) Sabiex ikun hemm konformità mal-objettivi ta' dawn ir-regolamenti, u sabiex isir progress lejn ekonomija ċirkolari Ewropea b'livell għoli ta' effiċjenza fir-riżorsi, għandhom jinkisbu l-miri li ġejjin:

(a) sal-2025, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għandhom jiżdiedu sa minimu ta' 55% skont il-piż;

(b) sal-2030, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għandhom jiżdiedu sa minimu ta' 60% skont il-piż;

(ċ) sal-2035, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għandhom jiżdiedu sa minimu ta' 65% skont il-piż:

Iżda l-Ministru għandu permezz ta' avviż fil-Gazzetta, iqiegħed ir-responsabbiltà għall-ksib tal-miri msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) fuw il-Kunsilli Lokali, jew fuq il-Kunsilli Reġjonali, jew fuq it-tnejn.

(3) Il-Ministru jista' jipposponi l-iskadenzi biex jintlaħqu l-miri msemmija fis-subregolament (2)(a), (b) u (ċ) sa' massimu ta' ħames snin bil-kondizzjoni li li tiġi osservata l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 11(3), 11(4), 11(5) u fl-Anness IVb tad-Direttiva 2008/98/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendata.

Regoli għall-kalkolu tal-ksib tal-miri stabbiliti.

10D. (1) Għall-finijiet tal-kalkolu ta' jekk intlaħqux il-miri stipulati fir-regolament 10Ċ(2):

(a) l-awtorità kompetenti għandha tikkalkola il-piż tal-iskart muniċipali ġġenerat u ppreparat għall-użu mill-ġdid jew irriċiklat f'sena kalendarja partikolari;

(b) il-piż tal-iskart muniċipali ppreparat għall-użu mill-ġdid għandu jkun ikkalkolat bħala l-piż tal-prodotti jew tal-komponenti tal-prodotti li saru skart muniċipali u li għaddew minn kull operat meħtieġ ta' verifika, tindif jew tiswija sabiex jiġi permess l-użu mill-ġdid mingħajr iktar separazzjoni jew proċessar preliminari;

(ċ) il-piż tal-iskart muniċipali riċiklat għandu jiġi kkalkolat bħala l-piż tal-iskart li, wara li għadda minn kull operat meħtieġ ta' verifika, separazzjoni u l-operazzjonijiet preliminari oħrajn li jneħħu l-materjali tal-iskart li m'humiex fil-mira tal-ipproċessar sussegwenti mill-ġdid u li jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja, jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ fejn il-materjali tal-iskart huma fil-fatt ipproċessati mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1)(ċ), il-piż tal-iskart muniċipali riċiklat għandu jitkejjel meta l-iskart jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ:

Iżda b'deroga mis-subregolament (1), il-piż tal-iskart muniċipali riċiklat jista' jitkejjel fl-*output* ta' kwalunkwe operazzjoni ta' separazzjoni:

Iżda wkoll:

(a) tali output ta' skart għandu jiġi sussegwentement riċiklat; u

(b) il-piż tal-materjali jew tas-sustanzi li jitneħħew permezz ta' operazzjonijiet ulterjuri qabel l-operazzjoni ta' riċiklaġġ u mhumiex sussegwentement riċiklati ma jiġix inkluż fil-piż tal-iskart irrappurtat bħala riċiklat.

Draft

(3) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema effettiva ta' kontroll tal-kwalità u ta' traċċabbiltà tal-iskart muniċipali, sabiex tiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fis-subregolamenti (1)(ċ) u (2). Sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà u l-akkuratezza tad-*data* miġbura dwar l-iskart riċiklat, is-sistema tista' tikkonsisti minn reġistri elettroniċi maħluqin skont ir-regolament 33(5), speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti ta' kwalità tal-iskart separat, jew rati medji ta' telf għall-iskart isseparat għal diversi tipi ta' skart u prattiki ta' mmaniġġjar tal-iskart rispettivament. Ir-rati medji ta' telf għandhom jintużaw biss f'każijiet fejn *data* affidabbli ma tistax tinkiseb mod ieħor u għandhom jiġu kkalkulati abbażi tar-regoli ta' kalkolu stabbiliti konformement mal-Artikolu 11a(10) tad-Directtiva 2008/98/KE.

(4) Għall-fini tal-kalkolu ta' jekk il-miri stipulati fir-regolament 10Ċ(2) intlaħqux, l-ammont ta' skart muniċipali bijodegradabbli li jsirlu trattament aerobiku jew anaerobiku jista' jingħadd bħala riċiklat meta dak it-trattament jiġġenera kompost, diġestat jew *output* ieħor bi kwantità simili ta' kontenut riċiklat meta mqabbel mal-*input*, li għandu jintuża bħala prodott, materjal jew sustanza riċiklati:

Iżda meta l-*output* jintuża fuq l-art, l-awtorità kompetenti tista' tgħoddu bħala riċiklat biss jekk dan l-użu jirriżulta f'benefiċċju għall-agrikoltura jew titjib ekoloġiku.

(5) Mill-1 ta' Jannar 2027, l-awtorità kompetenti tista' tgħodd il-bijoskart muniċipali li jidħol għat-trattament aerobiku jew anaerobiku bħala riċiklat biss jekk, f'konformità mar-regolament 10(1)(e) u l-paragrafu 9 tat-Taqsima 2 tal-Iskeda 5, ikun inġabar b'mod separat jew ikun ġie separat fis-sors.

Draft

(6) Għall-fini tal-kalkolu ta' jekk il-miri stipulati fir-regolament 10Ċ(2) intlaħqux, l-ammont ta' materjali ta' skart li ma baqgħux skart bħala riżultat ta' operazzjoni ta' preparazzjoni qabel ma jiġi pproċessat mill-ġdid jista' jitqies bħala skart riċiklat, sakemm tali materjali jkunu destinati għall-ipproċessar mill-ġdid sussegwenti fi prodotti, materjali jew sustanzi għall-użu oriġinali jew għal skopijiet oħra:

Iżda materjali tat-tmiem tal-iskart li jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija, jew biex ikunu inċinerati, jintradmu jew jintremew f'*landfills*, m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-miri tar-riċiklaġġ.

(7) Għall-fini tal-kalkolu ta' jekk il-miri stipulati fir-regolament 10Ċ(2) intlaħqux, l-awtorità kompetenti tista' tqis ir-riċiklaġġ tal-metalli separati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali, dejjem jekk il-materjali riċiklati jilħqu l-kriterji ta' kwalità stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1004 li tistabbilixxi regoli għall-kalkolu, għall-verifika u għar-rappurtar tad-*data* dwar l-iskart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2384.

(8) L-iskart miġbur f'Malta u esportat barra mill-Unjoni għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ għandu jingħadd lejn il-ksib tal-miri stipulati fir-regolament 10Ċ(2) biss jekk ikunu ġew issodisfati r-rekwiżiti tas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, u jekk, skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006[*], l-esportatur jista' jagħti prova li l-vjeġġ tal-iskart jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament, u li t-trattament tal-iskart barra mill-Unjoni jkun sar f'kundizzjonijiet ġeneralment ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-liġi ambjentali rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

Draft

(9) Għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, għandhom jgħoddu r-regoli għall-kalkolu, verifika u rappurtar ta' *data* stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1004 li tistabbilixxi regoli għall-kalkolu, għall-verifika u għar-rappurtar tad-*data* dwar l-iskart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2384.".

---

* OJ L 190, 12.7.2006, p 1.

**13.** Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "il-paragrafi 2 u 3 tal-Iskeda 5" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-regolament 4A u l-paragrafu 3 tat-Taqasima 1 tal-Iskeda 5"; u

(b) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

A.L. XX tal-2020.

"(7) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 4(3) tar-Regolamenti tal-2020 dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, l-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-iskart, inkluż għall-infrastruttura neċessarja u l-operat tagħha, għandhom jinġarru mill-produttur oriġinali tal-iskart jew mid-detenturi attwali jew preċedenti tal-iskart skont min minnhom għandu d-dmir ta' kura tal-iskart konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.".

**14.** Is-subregolament (3) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

"(3) Meta skart perikoluż ikun ġie mħallat b'mod illegali bi ksur ta' dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura, mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 34 u 35, li ssir separazzjoni fejn ikun teknikament fattibbli u neċessarju sabiex jiġi osservat ir-regolament 4B.

Meta s-separazzjoni ma tkunx meħtieġa skont is-subregolament (1), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-iskart imħallat huwa ttrattat f'faċilità li tkun kisbet permess skont ir-regolament 19 sabiex titratta taħlita bħal din.".

Draft

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

**15.** Is-subregolament (1) tar-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-immaniġġar ta' skart perikoluż stabbiliti fir-regolamenti 14 u 16, iż-żjut għar-rimi -

(a) għandhom jinġabru separatament, sakemm il-ġbir separat ma jkunx teknikament fattibbli, b'kunsiderazzjoni tal-prattiki tajba;

(b) għandhom jiġu ttrattati, billi tingħata prijorità lir-riġenerazzjoni jew inkella lil operazzjonijiet oħra ta' riċiklaġġ li jwasslu għal riżultat ambjentali ġenerali ekwivalenti jew aħjar minn riġenerazzjoni, skont ir-regolament 4A u l-paragrafu 3 tat-Taqsima 1 tal-Iskeda 5;

(ċ) b'karatteristiċi differenti ma jitħalltux u ż-żjut ta' skart ma jitħalltux ma' tipi oħra ta' skart jew sustanzi, jekk tali taħlit ma jħallix ir-riġenerazzjoni tagħhom jew operazzjoni oħra ta' riċiklaġġ li tagħti riżultat ambjentali ġenerali ekwivalenti jew aħjar minn riġenerazzjoni.".

Iżid regolament ġdid mar-regolameni prinċipali.

**16.** Minnufih wara r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Bijoskart.

18A. (1) Sabiex jiġu osservati l-miri ta' dawn ir-regolamenti u tal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u sabiex ssir il-bidla għal ekonomija ċirkolari Ewropea b'livell għoli ta' effiċjenza ta' riżorsi, Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li sal-31 ta' Diċembru 2023, u soġġett għar-regolamet 10B(2) u (3), il-bijoskart jiġi separat jew irriċiklat fis-sors, jew jinġabar separatament u ma jitħallatx ma' tipi oħra ta' skart.

(2) Skart b'karatteristiċi simili ta' bijodegradibbiltà u ta' kompostabbiltà li huwa konformi mal-i*standards* Ewropej rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali ekwivalenti, għall-imballaġġ irkuprabbli permezz ta' kkompostjar u bijodegradazzjoni, jista' jinġabar flimkien mal-bijoskart.".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

**17.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "trattament ta' skart" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "trattament ta' skart, inkluż iżda mhux limitat għal, il-ħażna ta' skart waqt li jkunu għadhom pendenti operazzjonijiet ta' rkupru jew

Draft

rimi (eskluża l-ħażna temporanja ta' skart li jkun qed jistenna l-ġbir fuq is-sit fejn hu ġġenerat tali skart),".

**18.** Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "avviż ta' infurzar " għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "Ordni"; u

(b) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "mal-avviż ta' rimedju jew infurzar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mal-avviż ta' rimedju jew Ordni".

**19.** Ir-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jistabbilixxi pjan ta' maniġġar ta' skart jew aktar, konformement mal-miri u l-prinċipji stabbiliti fir-regolament 2(2), fir-regolamenti 4A u 4B, u fil-paragrafu 3 tat-Taqsima 1 tal-Iskeda 5. Dawn il-pjanijiet għandhom, unikament jew magħqudin flimkien, ikopru Malta kollha.";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jiżgura li l-pjan jew pjanijiet ta' maniġġar ta' skart:

(a) jinkludu dikjarazzjoni tal-*policies* tal-Ministeru biex jiksbu l-objettivi u l-prinċipji speċifikati fir-regolamenti 4A u 4B u fil-paragrafu 3 tat-Taqsima 1 tal-Iskeda 5;

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jqis, partikolarment, jekk kemm-il darba l-kwistjonijiet imsemmija fit-Taqsima 3 tal-Iskeda 5 għandhomx ikunu inklużi fil-pjanijiet għall-maniġġar ta' skart."; u

Draft

(d) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

(4) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jiżgura li l-pjanijiet ta' maniġġar tal-iskart ikunu konformi mal-ħtiġiet ta' pjanifikazzjoni dwar skart stabbiliti
L.S. 549. 43. fir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, mal-miri elenkati fir-regolament 10Ċ(2) ta' dawn ir-regolamenti u mal-ħtiġiet stabbiliti fir-regolament 5
L.S. 549. 29. tar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (*Landfills*), u għall-finijiet tal-prevenzjoni ta' żibel, mal-ħtiġiet stabbiliti fir-regolament 10 tar-
S.L. 549.62 Regolamenti dwar Qafas fil-Politika Ambjentali tal-
S.L. 549.100 Baħar u r-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma.".

Jemenda r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali.

**20.** Ir-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jistabilixxi programmi ta' prevenzjoni ta' skart li jistabbilixxu għallinqas il-miżuri ta' prevenzjoni kif elenkati fir-regolament 10A(1) konformement mar-regolamenti 2(2) u 4A.

Dawk il-programmi għandhom jiġu integrati jew fil-pjanijiet tal-maniġġar ta' skart kif previst fir-regolament 28, jew fi programmi oħra tal-politika ambjentali, kif xieraq, jew jiffunzjonaw bħala programmi separati. Jekk xi tali programm jiġi integrat fil-pjan għall-immaniġġar tal-iskart jew f'dawk il-programmi l-oħra, il-miri u l-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart għandhom jiġu identifikati b'mod ċar.";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Meta tistabbilixxi dawk il-programmi, l-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandhom, fejn ikun rilevanti, jiddeskrivu l-kontribuzzjoni ta' strumenti u miżuri elenkati elenkati fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE għall-prevenzjoni tal-iskart u jevalwaw l-

Draft

utilità tal-eżempji tal-miżuri indikati fl-Iskeda 6 jew miżuri oħra xierqa. Il-programmi għandhom jiddeskrivu wkoll il-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart eżistenti u l-kontribut tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart."; u

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jadotta programmi speċifiċi ta' prevenzjoni ta' ħela ta' ikel fi ħdan il-programmi tiegħu ta' prevenzjoni tal-ikart.".

**21.** Ir-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-istabbilimenti u l-intrapriżi msemmija fir-regolament 19(1), il-produtturi ta' skart perikoluż u l-istabbilimenti u l-intrapriżi li jiġbru jew jittrasportaw l-iskart perikoluż fuq bażi professjonali, jew jaġixxu bħala negozjanti jew sensara ta' skart perikoluż, għandhom iżommu reġistru kronoloġiku ta':

(a) il-kwantità, in-natura u l-oriġini ta' dak l-iskart u l-kwantità ta' prodotti u materjali li jiriżultaw mill-preparamenti għall-użu mill-ġdid, riċiklaġġ jew operazzjonijiet oħra ta' rkupru; u

(b) meta jkun rilevanti, id-destinazzjoni, il-frekwenza tal-ġbir, il-mod ta' trasport u l-metodu tat-trattament mistenni fir-rigward tal-iskart.

Huma għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-awtorità kompetenti permezz tar-registru elettroniku jew reġistri elettroniċi li għandhom jiġu stabbiliti konformement mas-subregolament (5)."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi reġistru elettroniku jew reġistri kkoordinati biex jirreġistraw *data* dwar l-iskart perikoluż imsemmi fis-subregolament (1), li jkopru t-territorju ġeografiku kollu ta' Malta.

Draft

L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi tali reġistri għal flussi oħra ta' skart, b'mod partikolari għal dawk il-flussi ta' skart li għalihom hemm miri stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali u f'dik tal-Unjoni Ewropea. Għandha tintuża d-*data* dwar l-iskart li jirrappurtaw l-operaturi industrijali skont ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**22.** Minnufih wara r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Rappurtar.

33A. (1) L-istabbilimenti u l-intrapriżi msemmija fir-regolament 19(1) u l-istabbilimenti u l-intrapriżi li jaġixxu bħala negozjanti jew sensara ta' skart għandhom jibagħtu rapporti annwali lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett (3) xhur kalendarji mill-għeluq tas-sena ta' referenza.

L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika l-format li fih tali informazzjoni għandha tkun disponibbli, liema format ikun fih gwida li tirrigwarda l-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut tar-rapport annwali.

(2) L-awtorità kompetenti tista' twettaq, bi spejjeż fuq l-operatur, jew tista' titlob lill-operatur biex iwettaq, varifika biex jiġi ċertifikat li l-informazzjoni kollha rrappurtata lill-awtorità kompetenti tkun konformi mal-obbligi ta' dawn ir-regolamenti.

(3) L-operaturi msemmija fis-subregolament (1) għandhom jissottomettu r-rapport ta' verifika msemmi fis-subregolament (2), fejn ikun rilevanti, flimkien mar-rapport annwali msemmi fis-subregolament (1).

(4) L-operaturi kollha msemmija fis-subregolament (1) ikollhom l-obbligu li jżommu għal perjodu ta' għallinqas ħames (5) snin ir-rapport annwali msemmi fis-subregolament (1) mid-data tas-sottomissjoni.

---

* ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1

Draft

(5) L-awtorità kompetenti tista' titlob li l-Kunsilli Reġjonali jew il-Kunsilli Lokali, għall-finijiet tal-monitoraġġ fuq is-sistemi stabbiliti taħt ir-regolament 10(1), jissottomettu rapport lill-awtorità kompetenti.

L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika l-perjodu ta' żmien u l-format li fih tali informazzjoni għandha ssir disponibbli.

(6) Mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjaliment sensittiva, kopja tar-rapporti msemmija fis-subregolamenti (1) sa (5) għandha tkun disponibbli skont ir-
L.S. 549.39 Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.".

**23.** Is-subregolament (1) tar-regolament 34 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

Jemenda r-regolament 34 tar-regolamenti prinċipali.

L.S. 549. 40. (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbiliċi, il-Ministru, f'kollaborazzjoni mal-awtorità kompetenti għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprojbixxi l-abbandun, rimi jew ġestjoni mhux kontrollata ta' skart inkluż ż-żibel.".

**24.** Il-partiti R 3, R 4 u R 5 tal-Iskeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-partiti ġodda li ġejjin:

Jemenda l-Iskeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"R 3 Riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' sustanzi organiċi li mhumiex użati bħala solventi (inkluż il-bdil f'kompost u proċessi oħra ta' trasformazzjoni bijoloġika) (*)

R 4 Riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' metalli u komposti tal-metalli (**)

R 5 Riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' materjali inorganiċi oħra(***)".

---

* Dan jinkludi l-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, il-gassifikazzjoni u l-piroliżi bl-użu tal-komponenti bħala kimiki u l-irkupru ta' materjali organiċi fil-forma ta' rdim

** Dan jinkludi l-preparazzjoni għal użu mill-ġdid

*** Dan jinkludi l-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, i-riċiklaġġ ta' materjali inorganiċi tal-bini, l-irkupru ta' materjali inorganiċi fil-forma ta' rdim, u t-tindif tal-ħamrija li jirriżulta fl-irkupru tal-ħamrija

Draft

Jemenda l-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipal.

**25.** Fl-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem"HP 14 "Ekotossiku": skart li jippreżenta jew jista' jippreżenta riskji immedjati jew mdewwma għal wieħed jew aktar setturi tal-ambjent." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem li ġejjin:

"HP 14 "Ekotossiku" skart li jippreżenta jew jista' jippreżenta riskji immedjati jew li jimmanifestaw ruħhom maż-żmien għal settur wieħed tal-ambjent jew aktar setturi tal-ambjent.

L-iskart li jissodisfa kwalunkwe waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin għandu jiġi kklassifikat bħala perikoluż minn HP 14:

- L-iskart li jkun fih sustanza li tkun ikklassifikata bħala sustanza qerrieda tal-ożonu bil-kodiċi tad-dikjarazzjoni tal-periklu H420 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u l-konċentrazzjoni ta' din is-sustanza tkun ugwali għal-limitu ta' konċentrazzjoni ta 0,1% jew taqbżu.

- $[c(H420) \geq 0,1\%]$

- L-iskart li jkun fih mill-inqas sustanza waħda li tkun ikklassifikata bħala akkwatika akuta bil-kodiċi tad-dikjarazzjoni tal-periklu H400 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u t-total tal-konċentrazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi jkun ugwali għal-limitu ta' konċentrazzjoni ta' 25% jew jaqbżu. Għandu japplika valur ta' limitu ta' 0,1% għal dawn is-sustanzi.

- $[\Sigma\, c\, (H400) \geq 25\%]$

- L-iskart li jkun fih mill-inqas sustanza waħda kklassifikata bħala akkwatika kronika 1, 2 jew 3 assenjati għall-kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni tal-periklu H410, H411 jew H412 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, u t-total tal-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi kollha klassifikati bħala akkwatiċi kroniċi 1 (H410) immultiplikat b'100 u miżjud mat-total tal-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi kollha kklassifikati bħala akkwatiċi kroniċi 2 (H411) immultiplikat b'10 u miżjud mat-total tal-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi kollha klassifikati bħala akkwatiċi kroniċi 3 (H412) ikun ugwali għal-limitu tal-konċentrazzjoni ta' 25% jew jaqbżu. Għas-sustanzi klassifikati bħala H410 japplika valur ta' limitu ta' 0,1%, u

Draft

japplika valur ta' limitu ta' 1% għas-sustanzi kklassifikati bħala H411 jew H412.

- [100 × Σc (H410) + 10 × Σc (H411) + Σc (H412) ≥ 25%]

- L-iskart li jkun fih mill-inqas sustanza waħda li tkun ikklassifikata bħala akkwatika kronika 1, 2, 3, jew 4 bil-kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni tal-periklu H410, H411, H412, jew H413 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, u t-total tal-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi kollha li jkunu klassifikati bħala akkwatiċi kroniċi jkun ugwali għal-limitu ta' konċentrazzjoni ta' 25% jew jaqbżu. Għas-sustanzi klassifikati bħala H410 japplika valur ta' limitu ta' 0,1%, u japplika valur ta' limitu ta' 1% għas-sustanzi kklassifikati bħala H411 H412, jew H413.

- [Σ c H410 + Σ c H411 + Σ c H412 + Σ c H413 ≥ 25%]

- Fejn: Σ = it-total u c = il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi.".

**26.** L-Iskeda 5 li tinsab mar-regolamenti prinċipal għandha tiġi emendata kif ġej: Jemenda l-Iskeda 5 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) il-paragrafu 1 tat-Taqsima 1 tagħha għandu jiġi sostiwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"1. L-objettiv tal-pjan għandu jqis l-prinċipji stabbiliti fir-regolament 2(2) u fir-regolamenti 4A u 4B, flimkien mal-prinċipju stabbilit fil-paragrafu 3.";

(b) il-paragrafi 2 u 4 tat-Taqsima 1 tagħha għandhom jiġu mħassra;

(ċ) it-Taqsima 2 tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) is-subparagrafi (b) u (ċ) tal-paragrafu 6 tagħha għandhom jiġu sostitwiti bil-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(b) impjanti ewlenin għar-rimi u rkupru, inkluż kull arranġament speċjali għal żjut użati, skart perikoluż skart li jkun fih ammonti sinjifikattivi ta' materja prima kritika jew flussi ta' skart indirizzati minn leġislazzjoni speċifika nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea;

Draft

(ċ) valutazzjoni tal-ħtieġa għall-għeluq tal-impjanti tal-iskart eżistenti, u għall-infrastruttura ta' impjanti addizzjonali għall-iskart skont ir-regolament 4B ta' dawn ir-regolamenti.

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ssir valutazzjoni tal-investimenti u mezzi finanzjarji oħra, inkluż għal awtoritajiet lokali, li huma meħtieġa biex jintlaħqu dawk il-ħtiġiet. Din il-valutazzjoni għandha tiġi inkluża fil-pjanijiet rilevanti ta' maniġġar tal-iskart jew f'dokumenti oħra strateġiċi li jkopru t-territorju kollu ta' Malta;";

(ii) fis-subparagrafu (e) tal-paragrafu 6 tagħha, il-kliem "li jippreżentaw problemi speċifiċi ta' ġestjoni tal-iskart." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li jippreżentaw problemi speċifiċi ta' ġestjoni tal-iskart;" u minnufih wara għandhom jiżdiedu s-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(f) informazzjoni dwar il-miżuri biex jinkisbu l-objettivi stipulati fir-regolament 6(2) tar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (*Landfills*) jew f'dokumenti strateġiċi oħra li jkopru t-territorju kollu ta' Malta;

L.S. 549. 29.

(g) valutazzjoni ta' skemi eżistenti għall-ġbir tal-iskart, inkluż il-kopertura materjali u territorjali ta' ġbir separat u miżuri sabiex jittejjeb l-operat tiegħu, ta' kwalunkwe deroga mogħtija f'konformità ma-regolament 10B(3) ta' dawn ir-regolamenti, u tal-ħtieġa għal skemi ġodda ta' ġbir;

(h) miżuri biex tiġi miġġielda u evitata kull forma ta' rimi taż-żibel, u biex jitnaddaf kull tip ta' żibel mormi;

(i) indikaturi u miri kwalitattivi u kwantitattivi xierqa, inkluż fuq il-kwantità ta' skart iġġenerat u t-trattament tiegħu u fuq l-iskart muniċipali li jintrema jew li huwa soġġett għall-irkupru tal-enerġija.".

(iii) il-paragrafu 9 tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"9. Miżuri konformement mar-regolament 4A u mal-paragrafu 3 tat-Taqsima 1 ta' din l-Iskeda sabiex:

(a) iħeġġu r-riċiklaġġ, inkluż l-ikkompostjar, u d-diġestjoni tal-bijoskart b'mod li jissodisfa livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u jirriżulta f'*output* li jissodisfa l-i*standards* rilevanti ta' kwalità għolja;

(b) jinkoraġġixxu l-ikkompostjar fid-dar;

(ċ) jippromwovu l-użu ta' materjali, prodotti mill-bijoskart."; u

(iv) il-paragrafu 12 tagħha għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu 12(1), u minnufih wara s-subparagrafu (1), għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(2) Il-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fir-regolament 10Ċ(2).".

**27.** L-Iskeda 7 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

Iħassar l-Iskeda 7 li tinsab mar-regolamenti prinċipal.

**28.** L-Iskeda 10 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

Jissostitwixxi l-Iskeda 10 li tinsab mar-regolamenti prinċipal.

"SKEDA 10

(Regolament 6)

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI SOTTOMESSA F'APPLIKAZZJONI GĦAL PERMESS TA' TIMIEM TA' SKART

*Taqsima A: Informazzjoni li għandha tiġi inkluża f'applikazzjoni għal permess ta' Tmiem ta' Skart*

Applikazzjoni għal permess ta' tmiem ta' skart għandha għallinqas ikollha l-informazzjoni li ġejja:

- deskrizzjoni tal-użu maħsub, inklużi l-processi u l-funzjonijiet relatati tal-materjal ladarba jieqaf milli jibqa' skart;
- deskrizzjoni tal-materjal primarju sostitwit;

Draft

- deskrizzjoni tas-suq eżistenti u potenzjali għall-materjal ladarba jieqaf milli jibqa' skart;

- evidenza li l-prodott għandu talba fis-suq, li tista' tkun fil-forma ta' evidenza ta' bejgħ possibbli jew ittra ta' intenzjoni ta' xiri jew akkwist tal-imsemmi materjal jew xi dokumentazzjoni oħra li tagħti prova li jeżisti s-suq;

- informazzjoni dwar ħtiġiet tekniċi, leġislazzjoni u, jew *standards* rilevanti li l-materjal għandu jkun konformi magħhom sabiex jieqaf milli jibqa' skart;

- deskrizzjoni tal-Kodiċi EWC* tat-tip ta' skart li jkun dieħel fl-operazzjoni ta' rkupru;

- il-kwantità mistennija, f'kilogrammi, ta' skart li jidħol fl-operazzjoni ta' rkupru u l-*output*, f'kilogrammi, mistenni li jlħaq l-istatus ta' tmiem ta' skart;

deskrizzjoni tal-operazzjoni ta' rkupru li tiġi applikata sabiex jinkiseb l-istatus ta' tmiem ta' skart, inkluża l-informazzjoni li ġejja:

♦ il-kodiċi R konformement mal-Iskeda 2;

♦ it-tip ta' trattament meħtieġ minn qabel (jekk ikun hemm);

♦ informazzjoni dwar il-proċessi ta' taħlit u, jew il-proporzjonijiet li għandhom jintużaw jekk jiġi mħallat iktar minn fluss wieħed ta' skart;

♦ informazzjoni dwar il-materjal primarju u, jew materjali li mhumiex skart li għandhom jiħalltu mal-iskart biex wieħed jipproduċi prodott derivat mill-iskart, inklużi dettalji tal-proporzjonijiet applikati; u

♦ informazzjoni dwar il-materjali jew sustanzi ta' skart li għandhom jitneħħew matul l-operazzjoni ta' rkupru u li mhumiex mistennija li jilħqu status ta' tmiem ta' skart.

*Taqsima B: Informazzjoni li għandha tkun imniżżla fid-dikjarazzjoni ta' konformità*

---

* Din tirreferi għall-klassifikazzjoni ta' skart ibbażata fuq il-Lista ta' Skart Ewropew - Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KC u l-Iskeda 3 ta' dawn ir-Regolamenti.

Draft

L-informazzjoni li għandha titniżżel fid-dikjarazzjoni ta' konformità hi:

- dikjarazzjoni ffirmata li tgħid li l-materjal li waqaf milli jibqa' skart osserva l-kriterji u l-kondizzjonijiet għall-permess kollha stabbiliti mill-Awtorità.

- dettalji dwar jekk it-tqegħid fis-suq għall-ewwel darba wara li l-materjal ikun waqaf milli jibqa' skart huwiex konformi mal-leġislazzjoni nazzjonali, tal-UE jew internazzjonali relatata ma' kimika u prodotti;

- il-kwantità, f'kilogrammi, tal-materjal li jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara li jkun waqaf milli jkun skart;

- il-Kodiċi HS tal-materjal jekk għandu jiġi esportat għall-użu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.".

Draft